MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1581/2000/1

**Pawlu FALZON**

**vs**

**George GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta’ Lulju, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' Lm1,944 (elf disa' mija u erbgħa u erbgħin lira maltin) rapprezentanti bejgħ ta' vettura tal-marka Mercedes debitament mibjugħa u konsenjata lilu;

Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat bosta drabi sabiex jersaq għall-ħlas tas-somma liema somma hawn fuq indikata;

Illi d-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-attur il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talba għal ħlas;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti invista tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Pawlu Falzon hawn annessa u mmarkata Dok. A bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' Lm1,944 (elf disa' mija u erbgħa u erbgħin lira maltin) rapprezentanti l-bilanċ dovut għall-vettura debitament ikkonsenjata;

Bl-ispejjeż u imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut hu nġunt minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha (affidavit tal-attur);

Rat in-Nota mressqa fit-23 t'Awissu, 2000, li biha l-imħarrek George Galea eċċepixxa:

1. Illi, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ u permezz ta' proċedura speċjali sommarja kif mitluba tagħmel mill-attur stante illi ċ-ċitazzjoni ġiet ipprezentata fi żmien il-ferjat;

2. Illi, in linea preliminari wkoll. l-intempestivita' taċ-ċitazzjoni attriċi stante illi l-eċċipjent qatt ma ġie interpellat għall-ħlas mill-attur;

3. Illi, in linea preliminari wkoll, in-nullita' taċ-ċitazzjoni attriċi stante illi ma hemmx tifsir ċar u sewwa tal-oggett u r-raġuni tat-talba, kif rikjest ai termini tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u hemm konfuzjoni bejn il-premessi ċitattivi u t-talba tal-attur, tant

illi filwaqt li l-attur qiegħed jippremetti li l-konvenut għandu jħallsu s-somma ta' Lm1,944 "rapprezentanti bejgħ ta' vettura tal-marka 'Mercedes'" (u mhux rapprezentanti l-prezz jew bilanċ tal-prezz), fl-istess waqt l-attur qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut biex iħallsu l-imsemmija somma ta' Lm1,944 "rapprezentanti l-bilanċ dovut għall-vettura", oltre illi m'hemmx tifsira ċara tal-oggett ikkonsenjat peress illi l-vettura 'de quo' mhix identifikata bin-numru ta' reġistrazzjoni tagħha;

4. Illi, fil-mertu, l-eċċipjent mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

5. Illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-eċċipjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-eċċipjent mhuwiex debitur tal-attur la fis-somma ta' elf, disa' mija u erbgħa u erbgħin lira maltija (Lm1,944) u fl-ebda somma oħra, u dan kif se jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2000, li fih l-imħarrek irtira l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu;

Semgħet ix-xhieda tal-attur;

Rat ir-Rikors imressaq mill-imħarrek fl-24 t'April, 2001[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li jitħalla jressaq Eċċezzjoni oħra ma' dawk li kien ressaq sa mill-bidu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrek fil-15 ta' Novembru, 2001, li biha eċċepixxa:

1. Illi t-talba attriċi, jekk jirriżulta illi tikkostitwixxi talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' vettura mibjugħa

---

[1] Pa[[. 71-2 tal-pro`ess

mill-attur lill-konvenut, hija nulla u bla ebda effett stante illi bejn il-kontendenti qatt ma saret ebda skrittura ta' komprovendita' tal- vettura in kwistjoni kif trid il-ligi *di rigore*, u dan kif enunċjat, *inter alia*, mill-Prim-Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħallef Onor. Dr. Joseph Said Pullicino LL.D.) fis-sentenza tagħha mogħtija fit-28 ta' Jannar, 1993 fil-kawża fl-ismiji et "Fedele Dalli -vs- Alfred Caruana" fejn ġie pronunċjat illi ".... huwa ormai paċifiku fil-gurisprudenza illi l-forma ta' l-iskrittura f'każijiet ta' kompravendita ta' vettura hi waħda *di rigore*. Hu stabbilit illi l-liġi tirrikjedi l-forma skritta, mhux biss *ab probationem* imma *ab substantiam et validitatem"* u kif ukoll mis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-7 ta' Diċembru, 1956 fil-kawża fl-ismijiet "Henry Falzon pro et noe -vs- Carmelo Tanti" u mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ( per Imħallef Onor. Dr. M. Caruana Curran LL.D.) fit-12 ta' Diċembru, 1963 fil-kawża fl-ismijiet "George Caruana -vs- Giuseppe Bonett";

2. Illi t-talba attriċi, jekk għall-kuntrarju jirriżulta illi hija bbazata fuq l-import tal-kambjali in kwistjoni, hija nulla u bla ebda effett stante illi fl-ewwel lok tali kambjali ma ġewx ipprezentati flimkien maċ-ċitazzjoni promotriċi u fit-tieni lok l-imsemmija kambjali ma ġewx ipprotestati kif trid il-liġi ai termini tal-artikolu 147 u 247 *et seq* tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta";

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet ulterjuri mqanqlin mill-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha tat-18 t'April, 2002, li bih u fuq talba tal-avukat tal-attur, tat żmien lill-partijiet biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet ulterjuri, liema Degriet ġie mħassar "*contrario imperio*" b'ieħor tas-27 ta' Ġunju, 2002, wara li l-Qorti rat li ma kienet tressqet l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet ulterjuri mqanqlin mill-imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni fejn qiegħed jintalab mingħand l-imħarrek il-ħlas ta’ bilanċ ta’ prezz ta’ karozza mibjugħa lilu. Din l-azzjoni kienet inbdiet bil-proċedura sommarja speċjali, imma b’Degriet mogħti fil-31 ta’ Lulju, 2000[2], ġie ordnat li tinstama’ bil-mod ordinarju;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa’ b’għadd ta’ eċċezzjonijiet ta’ natura preliminari. Kif ingħad diġa’, huwa ma baqax jinsisti dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu. Żamm sħaħ l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intempestivita’ tal-azzjoni u li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi, u kif ukoll l-eċċezzjoni fil-mertu li ma hux debitur tal-attur. Żied żewġ eċċezzjonijiet preliminari li bihom, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qiegħed jgħid li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar dawn l-aħħar żewġ eċċezzjonijiet;

Illi tajjeb wieħed iżomm quddiem għajnejh li din il-kawża nbdiet bħala azzjoni sempliċi għal ħlas ta’ debitu dovut: il-“mertu” kien bilanċ ta’ prezz minn bejgħ ta’ vettura. Dan qiegħed jingħad għaliex, mix-xhieda mogħtija mill-attur[3] biex jirribatti eċċezzjoni preliminari oħra mqanqla mill-imħarrek Galea (dik dwar jekk l-istess imħarrek messux ġie mħarrek hu jew inkella ħaddieħor), ħarġet storja kumplikata ta’ kif sar in-negozju li tiegħu l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ;

Illi jrid jingħad ukoll li, fi stadju bikri tal-kawża, l-imħarrek irtira t-tielet eċċezzjoni preliminari tiegħu, li kienet dik li titkellem dwar in-nullita’ tal-att taċ-ċitazzjoni. Bl-eċċezzjonijiet li qegħdin jiġu eżaminati issa, l-imħarrek reġa’ qanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-azzjoni attriċi, imma fuq il-kawżali li jintrabtu mas-siwi tal-obbligazzjoni

---

[2] Pa[. 6 tal-pro`ess

[3] Pa[[. 77-8 tal-pro`ess

innifisha. Dan jagħmel mill-imsemmija eċċezzjonijiet ilment li jidher li jmur lil hinn mill-kwestjoni tas-siwi formali tal-att mibdi mill-attur. U ma jistax ikun mod ieħor, billi parti f'kawża m'għandhiex tkun imħollija tressaq mill-ġdid, fl-istess kawża, eċċezzjoni li għaliha tkun diġa' irrinunzjat. Għalhekk, l-eċċezzjonijiet li dwarhom qegħda tingħata din is-sentenza jridu tabilfors jiġu mistħarrġa f'dan il-qafas;

Illi għalhekk jibqa' li l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-imħarrek Galea jiġu eżaminati mil-lenti taċ-ċirkostanzi l-oħrajn maħsuba fl-artikolu 789, li ma kinux diġa' japplikaw fl-eċċezzjoni tan-nullita' oriġinarjament imtellgħa minnu u li għaliha huwa irrinunzja;

Illi din il-Qorti ma tistax tisħaq biżżejjed fuq is-siwi li ssir id-distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom[4]. Fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att, il-Qorti trid tfittex dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[5]. Ma' dan il-Qorti iżżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att ġudizzjarju, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[6]. Minbarra dan, biex ċitazzjoni tiġi dikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors tagħha, "jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrja ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formaliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi"[7];

---

[4] Ara, per e\empju, App. ~iv. **15.2.1954** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.56**) u P.A. **10.6.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Calleja vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.955**)

[5] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172)**

[6] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio |ammit*** (mhix pubblikata), li fiha espo\izzjoni `ara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att [udizzjarju

[7] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kaw\a fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Bor[ et*** **(**mhix pubblikata)

Illi f'din il-kawża, l-imħarrek mhux qiegħed isemmi taħt liema waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 789 l-att taċ-ċitazzjoni mressaq mill-attur Falzon jista' jitqies ma jiswiex. Mhux kompitu tal-Qorti li tgħid hi jekk tirriżultax xi nullita' proċedurali taħt xi raġuni oħra, għaliex il-massima *ut melius valeat quam pereat* hija waħda li din il-Qorti, safejn tista' u mingħajr ma toħloq xi ħsara lil xiħadd mill-partijiet, timxi magħha fejn jidħol is-siwi ta' atti ġudizzjarji;

Illi fis-sustanza, fl-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tiegħu, l-imħarrek Falzon qiegħed jgħid li l-azzjoni attriċi ma tiswiex (jekk tikkostitwixxi azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' vettura) għaliex ma saritx kitba bejn il-partijiet dwar l-imsemmi bejgħ, liema kitba hija meħtieġa *ad validitatem*. Illi eċċezzjoni bħal din ma tista' qatt titqies li hija eċċezzjoni dwar is-siwi tal-att ġudizzjarju, għaliex il-**fatt** jekk saritx kitba jew le bejn il-partijiet, hija ċirkostanza li tolqot il-**mertu** tal-azzjoni. Jekk kitba ma saritx u jekk l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-bejgħ ta' vettura, tista' twassal għan-**nullita' tal-obbligazzjoni**, imma **mhux in-nullita' taċ-ċitazzjoni**. Jekk, min-naħa l-oħra, l-eċċezzjoni hija maħsuba biss fis-sens li l-att taċ-ċitazzjoni ma jiswiex għaliex ma ġietx imressqa ma' dak l-att kopja tal-kitba li saret bejn il-partijiet, hawn ukoll l-eċċezzjoni ma tirnexxix. Dan jingħad għaliex ġie stabilit mill-Qrati tagħna f'għadd ta' drabi, li n-nuqqas li jitressqu d-dokumenti mal-att taċ-ċitazzjoni m'huwiex, waħdu, raġuni tajba biżżejjed biex att ġudizzjarju jitqies ma jiswiex[8];

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni ulterjuri, din hija mibnija fuq tliet sisien: (a) dwar jekk l-azzjoni hijiex waħda kambjarja jew le; (b) dwar jekk allura messux l-attur ressaq kopji tal-kambjali mal-att taċ-ċitazzjoni; u (ċ) dwar jekk l-azzjoni setgħetx titressaq ladarba (jgħid hu) l-attur ma ipprotestax il-kambjali. Kif ingħad, meta l-Qorti tiġi mitluba tqis is-siwi ta' att ġudizzjarju, għandha tikkunsidrah kif inhu, mhux kif l-imħarrek jgħid li x'aktarx jew x'messu jkun. Ħarsa lejn l-att taċ-ċitazzjoni mressaq mill-attur turi li l-azzjoni tiegħu hija dik ta' ħlas ta' bilanċ ta' prezz li hu jgħid li għandu

---

[8] Ara, per e\empju, App. ~iv. **4.11.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Vella vs ~efai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**) u App. ~iv. **14.11.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bor[ et noe. vs Grech et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.368**)

jirċievi mingħand l-imħarrek: imkien ma jista' jingħad li l-azzjoni hija waħda kambjarja. Dan lanqas joħroġ mill-fatti mfissra fid-Dikjarazzjoni, u hawn irid jingħad li trid issir distinzjoni bejn azzjoni bażata fuq il-kambjala u azzjoni msejsa fuq l-obbligazzjoni li għar-rigward tagħha nħarġu jew ġew ġirati l-kambjali[9] Dwar it-tieni fergħa tal-eċċezzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad dwar il-ħtieġa li jitressqu d-dokumenti mal-att taċ-ċitazzjoni. Dwar it-tielet fergħa tal-eċċezzjoni, (dejjem jekk l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-kambjali) hawnhekk ukoll il-kwestjoni mqanqla tolqot is-**siwi tal-obbligazzjoni** u mhux is-siwi tal-att ġudizzjarju;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li, filwaqt li l-ilmenti mressqa mill-imħarrek fl-eċċezzjonijijiet ulterjuri tiegħu jistgħu jservuh tajjeb 'il quddiem biex jikkontesta l-mertu tal-azzjoni attriċi, ma jistax jingħad li l-istess ilmenti jwasslu biex l-att taċ-ċitazzjoni jitqies ma jiswiex. Aktar u aktar minħabba l-fatt li l-imsemmija lmenti u dawk diġa' mressqin fil-mertu man-Nota tal-Eċċezzjonijiet ewlenija, ma jnaqqsu lill-imħarrek mill-ebda possibilita' li jista' jikkontesta l-kawża, u minħabba li l-preġudizzju li jista' jsofri bl-azzjoni mibdija kontrih tista' tingħeleb b'mod ieħor li mhux it-tħassir tal-att[10], b'hekk ukoll il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-imħarrek Galea, safejn jolqtu s-siwi taċ-ċitazzjoni, m'humiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet ulterjuri** mqanqlin mill-imħarrek George Galea, bl-ispejjeż kontrih, u

**Tordna li l-kawża** titkompla bil-provi u t-trattazzjoni tat-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari, jekk ikun il-każ.

[9] App. Kumm. **19.6.1972** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Joseph Pitre' noe vs Anthony Attard*** (mhix pubblikata); u ara wkoll App. ~iv. **12.5.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Michael Attard noe et vs Raymond Galea*** (mhix pubblikata) li kienet tolqot il-kwestjoni tan-nullita' ta' azzjoni m]allta kambjarja/bilan` ta' prezz

[10] Ara l-art 789(1)(`) u l-proviso tal-art 789(1) tal-kap 12

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**4 ta' Diċembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**4 ta' Diċembru, 2002**